MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 444/2003

**Malta Drydocks f'isimha u ghan-nom ta' Manoel Island Yacht Yard**

**Vs**

**Central Med Yachting International Ltd**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici fil-kwalitajiet taghha premessi talbet sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess Korporazzjoni attrici pro et noe s-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u ghoxrin lira u hdax-il centezmu (Lm2,628.11) somma dovuta mis-socjeta konvenuta bilanc tal-prezz ta' fornituri, xoghol u servizzi, moghtija u esegwiti fuq inkarigu taghhom skond

diversi invoices u statements ga mibghuta lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Marzu 2003, u tad-9 ta' Gunju 2003, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz u li jinsabu a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher a fol 11 tal-atti, s-socjeta' konvenuta giet notifikata skond il-ligi bl-avviz in esami, liema socjeta ma dehritx ghas-seduta tallum, stess, sabiex tikkontesta l-istess talba attrici.

Illi, da parti tal-istess korporazzjoni attrici, gie prodott ix-xhud Alfred Micallef li ikkonferma taht gurament, li l-ammont kollu pretiz fl-istess avviz, hu dovut mis-socjeta konvenuta u dan sad-data tallum stess.

Illi, ghalhekk, jidher, b'mod car u evidenti li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-Korporazzjoni attrici fil-kwalitajiet taghha premessi s-somma ta' Lm2628.11,0 bl-imghaxijiet legali dovuti "a scaletta" mid-9 ta' Marzu 2001 u mill-11 ta' Jannar 2002 skond id-dokumenti esebiti mal-atti a fol 2 u fol 3 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Marzu 2003 u tad-9 ta' Gunju 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------